**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Seduta mizmuma llum, 26 ta' Settembru 2018**

**Rikors Numru: 175/2018 RM**

**Carmelo Bianco sive Charles ghan-nom tas-Socjeta' Western Company**

**vs**

**Terence Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Terence Farrugia pprezentat nhar il-25 ta' Lulju 2018 fejn ippremetta u talab is-segwenti:

1. *Illi fit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), Carmelo sive Charles Bianco ghan-nom tas-socjeta' Western Company Ltd intavola ittra ufficjali li ggib in-numru 913/2018 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u dana ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta liema ittra Ufficjali qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;*

2. *Illi l-imsemmija ittra giet reza Ezekuttiva skond Art. 166A tal-Kap. 12 nhar it-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u dan peress illi l-konvenut Terence Farrugia naqas milli jipprezenta nota ta' opposizzjoni;*

3. *Illi l-konvenut jirrileva illi hu personalment qatt ma gie nnotifikat bl-imsemmija ittra ufficjali izda kieent ommu Mary Farrugia illi giet notifikata fejn din qatt ma nfurmatu bl-istess ittra ufficjali u dan kif jidher mid-dikjarazzjoni bil-gurament taghha annessa u mmarkata bhala Dok 'B';*

4. *Illi l-konvenut jirrileva illi huwa sar jaf biss bl-imsemmija ittra ufficjali meta gie notifikat bil-mandat ta' sekwestru bin-numru ta' 1464/2018 nhar il-Gimgha ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018);*

5. *Illi ai termini ta' l-artikolu 166(5) A tal-Kap 12 (ii) tal-Ligijiet ta' Malta, Titolu Ezekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artiklu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppisizzjoni minnaha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla effett jekk meta ssir it-talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Magistrati (Ghawdex), skond il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin guranta mill-ewwel notifika li ssirlu xi mandat ezekuttix jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-Qorti tkun sodisfatta li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikli (1), (2) u (3).*

6. *Salv sottomissjonijiet legali ulterjuri permessi bil-ligi.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti toghgobha a tenur tal-Artikolu 166 A(5) :*

i. *Tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh fi zmien gimghatejn.*

ii. *Thassar u tirrevoka u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv fuq imsemmi.*

iii. *Taghti kull provvediment iehor illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi.*

Illi permezz ta' risposta pprezentata minn Carmelo sive Charles Bianco ghan-nom ta' Western Company Ltd fil-21 ta' Awwissu 2018, gie eccepixxa s-segwenti:

*"Illi l-esponent jopponi ghat-talba biex jithassar it-titolu ezekuttiv li l-esponent ottjena permezz ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap.12 u dan ghas-segwenti ragunijiet.*

*Illi l-artikolu 166A(5) tal-Kap.12, a bazi ta' liema artikolu sar ir-rikors odjern, fis-subinciz (i) tieghu insibu hekk: "li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew" (enfasi mizjud).*

*Illi kjarament ir-rikors huwa bbazat fuq dan is-subinciz.*

*Illi ghalhekk sabiex tirnexxi t-talba tar-rikorrent huwa jrid jipprova li ma kienx notifikat kif imiss u mhux li ma rcevihiex ghaliex ommu ma tathielhux. Jekk waslitlux fizikament o menu hija rrelevanti. Li trid il-ligi huwa li n-notifika ssir kif suppost u cioe' legalment. Kif issir in-notifika huwa regolat bl-artikolu 187 tal-Kap 12 li jghid hekk: "In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra biexjinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizzazzjonijiet oħra mill-qorti u dawn it-*

*tentattivi għandhom isiru f'ħinijet differenti tal-ġurnata bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. Kull tentattiv ta' notifika għandu jsir wara li jitħallas id-dritt xieraq dovut lir-reġistru. L-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jirreġistra ċertifikat separat ta' notifika fl-atti ġudizzjarji għal kull tentattiv li jkun sar:*
*Iżda, il-kopja ma tistax titħalla f'idejn persuni ta' età anqas minn erbatax-il sena, jew f'idejn persuna li, fil-ħin tan-notifika,*

*Illi ghalhekk huwa bizzejjed li n-notifika tkun saret "billi dik il-kopja tithalla fil-lok fejn toqghod.. jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persun...". Hekk gara fil-kaz in ezami u konsegwentement in-notifika hija wahda valida. Tenut kont li zmien ghar-risposta skont l-artikolu 166A tal-Kap.12 iddekorra allura l-esponent akkwista titolu ezekuttiv.*

*Illi ghal kull buon fini qed jigi esebit dokument li jindika illi r-rikorrenti huwa registrat fir-registru elettorali bhala residenti f'dak l-indirizz (Dok A)."*

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent Terence Farrugia fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2018 u rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Mary Farrugia annessa mar-rikors promotur;

Rat illi fl-istess seduta tas-7 ta' Settembru 2018, il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu u semghet it-trattazzjoni tar-rikors;

Rat illi r-rikors gie differit ghal-lum biex jinghata provvediment finali dwar ir-rikors.

**Terence Farrugia, ir-rikorrent,** xehed illi huwa ma joqghodx ma' ommu u ghalkemm ilu xi disa' snin ma joqghod maghha, l-indirizz tieghu baqa' registrat

fir-residenza ta' ommu. Ir-rikorrent jikkonferma li ommu rceviet l-ittra ufficjali izda ma kienetx informatu biha ghaliex waslet fix-xahar tat-tieg tieghu, u huwa zzewweg fit-28 ta' Gunju 2018. Ikkonferma wkoll li sar jaf li kien hemm Mandat ta' Sekwestru kontrih meta kien ix-xoghol u cempillu l-imghallem biex jgharrfu li kellu sekwestru. Ir-rikorrent qal li ma kienx jaf ezatt fuq x'hiex seta' kellu dan il-Mandat u meta cempel lil ommu biex jistaqsiha kienx ircieva xi karti mill-Qorti, ikkonfermat li kienet irceviet l-ittra ufficjali fl-indirizz taghha u dan fiz-zmien meta huwa ma kienx ghadu joqghod ma' ommu. Ikkonferma li kienet ommu ffirmat ghal din l-ittra. Mistoqsi wkoll jekk kienx ghadda xi pagamenti lil Charles Bianco, ir-rikorrent wiegeb fl-affermattiv u zied jghid li apparti s-somma ta' (€5,500), ghaddhielu anke l-karozza. plus il-pagamenti tah ukoll il-karozza. Fuq domanda tal-Qorti ir-rikorrent ikkonferma li s-somma mitluba fl-ittra ufficjali fis-somma ta' €12,063.85 ma hijiex kollha dovuta.

In kontro-ezami, ir-rikorrent xehed li meta waslet l-ittra hu ma kienx jghix ma' ommu u kien ilu li telaq minn ma' ommu xi disgha snin izda baqa' ma bidilx l-indirizza fuq il-karta tal-identita` tieghu ghaliex kien qed jippjana li jibni l-post tieghu. Qal li sa dakinhar li saret l-ittra ufficjali in kwistjoni, l-indirizz tieghu kien ghadu registrat fuq ir-residenza ta' ommu.

Ikkunsidrat;

Il-procedura odjerna hija wahda mibdija b'rikors istitwit a tenur tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'talba sabiex it-titolu ezekuttiv ottjenut mis-socjeta` intimata fil-konfront tar-rikorrent bis-sahha tal-ittra ufficjali bin-Numru 913/2018 minnha pprezentata fit-30 ta' April 2018 skont il-procedura tal-istess Artikolu 166A, jigi mhassar, revokat u dikjarat null u bla effett.

Ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-Qorti tilqa' talba ghar-rexissjoni u dikjarazzjoni ta' nullita` ta' titolu ezekuttiv ottenut

bis-sahha ta' ittra ufficjali mahruga a tenur tal-imsemmi Artikolu 166A, jenhtieg li jintwera li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat biha kif imiss, jew li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet tipulate fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ta' l-Artikolu 166A. Oltre dan, ir-rikors li jsir a tenur tal-Artikolu 166A(5) irid jigi ipprezentat mid-debitur fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi tipula ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu ezekuttiv.

L-Artikolu 166A(5) jipprovdi testwalment is-segwenti:-

*"(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi tipula eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew (ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet tipulate fis-subartikoli (1), (2) jew (3)."*

In effetti, f'dan il-kaz jirrizulta li r-rikorrent jibbaza t-talba tieghu ghal dikjarazzjoni ta' nullita` tat-titolu ezekuttiv in kwistjoni, <u>principalment</u> fuq ir-raguni msemmija fis-subinciz (i) tal-Artikolu 166A(5), ossia li ma kienx jaf bl-ittra ufficjali tat-30 ta' April 2018 u, <u>in linea sussidjarja</u> fuq il-premessa mfissra fis-subinciz (ii) tal-Artikolu 166A(5), cioe` li l-istess ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet tipulate fis-subartikoli (1), (2) u (3) tal-Artikolu 166A. In kwantu ghas-subinciz (ii) tal-Artikolu 166A(5), l-abbli difensur tar-rikorrent fit-trattazzjoni tar-rikors fl-udjenza tas-7 ta' Settembru 2018, fisser li l-pretensjoni fl-ittra ufficjali in dizamina hija nieqsa wkoll mir-rekwizit li d-dejn ikun wiehed cert, likwidu u dovut.

Is-socjeta` intimata opponiet ghat-talbiet tar-rikorrent billi ssostni li n-notifika tal-ittra ufficjali hija wahda valida stante li r-rikorrent gie notifikat fl-indirizz li jinsab ufficjalment registrat bhala r-residenza tieghu, ossia l-fond 34, Triq San Leonardu, Hal Kirkop, meta l-ittra ufficjali thalliet f'idejn ommu Mary Farrugia li wkoll tirrisjedi fl-istess indirizz. Ghall-bqija, is-socjeta` intimata tirribatti l-kontenzjoni tar-rikorrent dwar in-nullita` tal-ittra ufficjali u l-konsegwenti titolu ezekuttiv, bl-affermazzjoni li r-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta gew debitament sodisfatti.

**Nuqqas ta' Notifika Valida**

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda billi tosserva li kif inhuwa pacifiku fl-ordinament guridiku taghna, il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u bhala tali ir-regoli procedurali jehtiegu li jigu osservati rigorozament. Konformament, ir-rekwizit ta' notifika valida huwa wkoll ta' natura ta' ordni pubbliku u bhala tali l-procedura ghan-notifika ta' att gudizzjarju ghandha tigi osservata *ad unguem*. Billi l-ittra ufficjali pprezentata skont il-procedura delinejata fl-Artikolu 166A m'hijiex semplici interpellazzjoni ghall-hlas - ghaliex fin-nuqqas ta' oppozizzjoni entro t-terminu statutorju l-ittra ssir titolu ezekuttiv - in-notifika ta' dik l-ittra ufficjali lid-debitur hija rekwizit *ad validitatem* mehtiega skont is-subinciz (i) tal-Artikolu 166A fuq citat. Dan hu wkoll konformi mal-principju l-aktar fondamentali tal-gustizzja naturali li jirrikjedi taht piena ta' nullita` in-notifika ta' min ikun imsejjah in gudizzju.

Ghandu jinghad li l-ligi fl-Artikolu 166A(5)(i) hija cara fis-sens li l-eccezzjoni li d-debitur ma kienx jaf bl-ittra ufficjali, tista' tirnexxi biss jekk jigi ppruvat li huwa ma kienx notifikat kif imiss, u ghalhekk mhuwiex bizzejjed li d-debitur

jipprova li huwa ma kienx jaf bl-att jekk il-konsenja tal-istess att tkun saret skont ir-regoli tal-procedura tan-notifika ta' atti gudizzjarji.

Il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-Artikolu 187 jenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun notifikata, izda jikkontempla wkoll il-kazijiet fejn in-notifika tista' ssir anke bil-konsenja tal-att mhux direttament lill-persuna li ghandha tigi notifikata, purche` jigu osservati r-rekwiziti specifici mfissra fis-subinciz (1) tal-istess Artikolu 187 dwar fejn il-kopja tal-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla. Il-parti relevanti ta' dan is-subinciz jipprovdi hekk:-

*"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha."*

Fil-kaz odjern, il-Qorti tosserva li fir-rikors promotur ir-rikorrent isostni li hu ma kienx jaf bl-ittra ufficjali *de quo*, ghaliex ghalkemm din giet notifikata lil ommu Mary Farrugia fil-fond 34, Triq San Leonardu, Hal Kirkop, skont kif jidher mir-referta li ggib id-data tal-5 ta' Mejju 2018, hi ma kienetx informatu biha. Skont ir-rikorrent, hu sar jaf bl-att biss meta gie notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1464/2018 u cioe` wara li l-ittra ufficjali saret titolu ezekuttiv.

Mar-rikors promotur giet esebita dikjarazzjoni guramentata tal-imsemmija Mary Farrugia[1] li tikkonferma li hija rceviet l-ittra ufficjali *de quo* izda ddecidiet li lil binha ma tghidlux biha, minhabba li f'dak il-perijodu huwa kien ser jizzewweg u peress li l-ittra kienet gejja mill-Qorti ma riditx tinkwetah.

[1] A. fol. 3

Hawnhekk il-Qorti tosserva li r-rikors promotur u d-dikjarazzjoni guramentata annessa mieghu entrambi jiffokaw fuq in-nuqqas tar-rikorrent li jsir jaf personalment bl-ittra ufficjali, u mhux fuq allegazzjoni li huwa ma joqghodx fl-indirizz fejn giet notifikata l-ittra ufficjali in kwistjoni. Lanqas ommu Mary Farrugia fid-dikajrazzjoni guramentata taghha ma tghid li r-rikorrent ma kienx ghadu joqghod maghha. Din l-allegazzjoni tal-ahhar saret ghall-ewwel darba mir-rikorrent fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti fl-udjenza tas-7 ta' Settembru 2018 fejn xehed illi huwa ilu ma joqghod flimkien ma' ommu fir-residenza taghha ghal dawn l-ahhar hames snin. Fl-istess nifs pero`, ir-rikorrent jistqarr, kif del resto jirrizulta mid-dokument esebit mis-socjeta` intimata mar-risposta taghha (Dok. A a fol. 15), li r-residenza tieghu baqghet registrata ufficjalment fl-inidirizz fejn toqghod ommu u fejn intlaqghet in-notifika tal-att. Jikkonferma wkoll li l-indirizz tieghu ghadu hekk registrat sal-lum. Mizmum ferm il-premess, u anke fin-nuqqas ta' provi sufficjenti li juru li r-rikorrenti jirrisjedi f'indirizz li huwa differenti mill-indirizz registrat ghal finijiet ufficjali, il-Qorti tafferma li l-lok fejn sar in-notifika ghandu jitqies bhala l-lok fejn joqghod ir-rikorrent u/jew l-indirizz postali tieghu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 187(1).

Mehud qies ta' dan kollu, il-Qorti ma ghandha ebda rizerva biex tikkonkludi li bil-konsenja tal-ittra ufficjali *de quo* f'idejn omm ir-rikorrent fl-indirizz li ufficjalment jinsab registrat bhala r-residenza tar-rikorrent, l-istess ittra ufficjali giet notifikata lir-rikorrent skont id-dettami tal-Artikolu 187(1) u konsegwentement, in-notifika tal-att hija wahda valida. Ir-ragunijiet ghaliex omm ir-rikorrent iddecidiet li ma tinfurmahx bin-notifika ta' att li hija tghid kienet taf li kien mahrug mill-Qorti, mhumiex relevanti bhalma huwa immaterjali wkoll ic-cirkostanzi li fihom ir-rikorrent attwalment sar jaf bl-ittra. Dan ghaliex ghall-finijiet u effetti tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12, ir-rikorrent galadarba kien validament notifikat bl-ittra, ghandu jitqies li kien jaf biha. Kieku kellu jitqies li

l-kontenzjoni tar-rikorrent taht l-Artikolu 166A(5)(i) li ma kienx jaf bl-ittra ufficjali ghaliex minkejja notifika valida, min accetta l-konsenja tal-att baqa' ma nfurmahx bih, tista' twassal ghan-nullita` tat-titolu ezekuttiv miksub b'dik l-ittra ufficjali, tkun qieghda tinholoq opportunita` bla limitu ghall-abbuz minn min irid jevita l-effetti tan-notifika ta' atti gudizzjarji, oltre li tigi stultifikata l-effikacja tar-regoli procedurali enuncjati fl-Artikolu 187.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-ewwel premessa li fuqha tinsab imsejsa t-talba ghan-nulllita` tat-titolu ezekuttiv *de quo*, cioe` li r-rikorrent ma kienx jaf bl-ittra ufficjali *de quo* ghaliex ma kienx notifikat kif imiss, m'hijiex siewja u qed tigi respinta.

**Nuqqas tal-Htigijiet Stipulati fl-Artikolu 166A(1)(2) u (3).**

Ikkunsidrat;

Fir-rikors promotur, ir-rikorrent jippremetti wkoll illi t-titolu ezekuttiv ibbazat fuq l-ittra ufficjali *de quo* ghandu jigi rexiss u jigi dikjarat null minhabba nuqqas ta' konformita` mar-rekwiziti msemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) tal-Artikolu 166A (citati fil-korp tar-rikors promotur). Fit-trattazzjoni orali, gie mfisser ulterjorment illi r-rekwizit li d-dejn pretiz ikun wiehed cert, likwidu u dovut [skont is-subartikolu (1)] huwa nieqes. Saret ukoll referenza ghal sentenza fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Bianco pro et noe vs Boris Formosa*** moghtija minn dina l-Qorti diversament preseduta fil-11 ta' Gunju 2018 fir-rigward tar-rekwiziti mehtiega *ad validitatem* fil-forma preskritta tal-ittra ufficjali li tigi pprezentata ai termini tal-Artikolu 166A. .

Billi n-nullita` hija ddikjarata mil-ligi espressament f'kaz ta' vjolazzjoni tal-forma mehtiega mis-subartikolu (3) tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, ikun siewi li qabel xejn tigi ttrattata l-kontenzjoni tar-rikorrent taht dan is-subartikolu, cioe` li l-intimazzjoni lid-debitur kontenuta fl-ittra ufficjali *de quo* m'hijiex konformi

mal-forma preskritta mil-ligi fl-imsemmi subartikolu (3) tal-Artikolu 166A. Dan ghaliex jekk jirrizulta din il-vjolazzjoni, l-ittra ufficjali ghandha minnufih tigi dikjarata nulla. F'kull kaz, billi l-eccezzjoni hija wahda ta' ordni pubbliku, in-nullita` ta' att gudizzjarju jista' jigi sollevat *ex officio* mill-qorti nnifisha u dan, f'kull kaz, oltre ghas-setgha ta' din il-Qorti ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 213 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat;

Illi l-eccezzjoni tal-vjolazzjoni tal-forma tal-intimazzjoni preskritta mis-subinciz (3) tal-Artikolu 166A taht piena ta' nullita`, hija regolata mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12. In materja tan-nullita` ta' att gudizzjarju, l-insenjament aktar recenti tal-qrati thaddan interpretazzjoni restrittiva ta' din l-eccezzjoni bil-ghan li l-atti kemm jista' jkun jigu salvati u mhux annullati minhabba formalizmu zejjed. II-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' April 1978 fl-ismijiet ***Teresa Vella vs Salvatore Conti*** irriteniet li biex citazzjoni tigi ddikjarata nulla u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet validi, bhal per ezempju nuqqasijiet evidenti ta' pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut[2]. L-istess ntqal fid-decizjoni moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta` Frar 1997 fl-ismijiet ***Alfred u Mary konjugi Vella vs Agostino Camilleri***:-

"*In-nullita` ta` l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta` citazzjoni ghandu jkun imwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi.*"

Izda ghalkemm huwa minnu li eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju tinghata applikazzjoni ristrettiva, dan ma jfissirx li m'hemmx cirkostanzi fejn att jista' jigi

[2] Citata fis-sentenza fl-ismijiet ***Sam Investments Limited vs Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino et*** – Prim'Awla deciza 30 ta' Mejju 2017.

dikjarat null. Skont is-subartikolu (5) tal-Artikolu 166A, l-oppozizzjoni ghat-titolu ezekuttiv irid ikollha bhala l-bazi taghha xi irregolarita` formali: jew fl-ittra ufficcjali li jkun ta lok ghat-titolu ezekuttiv, jew fin-notifika taghha. Sabiex l-ittra ufficjali *de quo* titqies li m'hijiex konformi mar-rekwiziti mehtiega mis-subartikolu (3) tal-Artikolu 166A, ghandu jirrizulta li l-istess ittra hija mankanti fil-forma mehtiega mil-ligi taht piena ta' nullita` u cioe` li ma fihiex l-intimazzjoni preskritta mill-istess subartikolu.

Ikkunsidrat;

Testwalment, l-Artikolu 166A(3) jistipola illi:-

*"(3) L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv. ..."* [sottolinejar tal-Qorti]

Mill-atti jirrizulta li l-ittra ufficjali mertu tal-kontestazzjoni odjerna fiha s-segwenti intimazzjoni lid-debitur:-

"*Din l-ittra ufficjali qed tintbaghat taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nuqqas li twiegeb fi zmien tletin [30] jum, din l-ittra ufficjali ssir titolu ezekuttiv.*"

Jirrizulta ghalhekk li huwa mankanti fl-ittra ufficjali *de quo* l-avviz lid-debitur li biex iwiegeb ghall-ittra ufficjali u kwindi biex jevita li din issir titolu ezekuttiv, huwa jista' "*jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali.*"

Ikkunsidrat;

Il-Qorti hija tal-fehma illi mehud kont tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 789(1)(a)(b) u (c) tal-Kap. 12 u l-kliem preciz tal-Artikolu 166A(3), kif ukoll il-pregudizzju li jista' jigi arrekat lid-debitur minhabba n-nuqqas ta' taghrif dwar il-procedura li biha tista' tigi kontestata l-pretensjoni (liema pregudizzju f'dan il-kaz naturalment ma jistax jissewwa xort'ohra), in-nuqqas assolut ta' referenza fl-ittra ufficjali ghall-mezz u l-procedura li biha tista' ssir l-oppozizzjoni ghat-talba fl-ittra ufficjali, inkluz il-possibbilita` li din ir-respinzjoni ssir mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, huwa serju bizzejjed biex iwassal ghan-nullita` tal-att. Il-Qorti tqis ulterjorment li l-avviz kontenut fl-ittra ufficjali *de quo* lanqas jista' jitqies li huwa sostanzjalment konformi mal-forma preskritta mis-subartikolu (3) taht piena ta' nullita`: fil-fehma taghha, il-parti tal-avviz li hija mankanti fl-ittra ufficjali *de quo* m'hijiex biss desiderabbli li tissemma espressament, izda hija rekwizit formali indispensabbli ghall-validita` tal-att.

Huwa minnu li l-ittra ufficjali *de quo* fiha t-twissija preventiva li l-att jigi tradott fi titolu ezekuttiv fin-nuqqas ta' oppozizzjoni fi zmien 30 gurnata, izda jekk dan l-avviz kellu jitqies li huwa sufficjenti biex jissodisfa l-vot tal-ligi fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 166A, il-kumplament tal-intimazzjoni fil-forma stipulata fl-istess subartikolu jigi rez superfluwu u din zgur li ma setghetx kienet l-intenzjoni tal-legislatur. Wara kollox, *ubi lex voluit dixit*. Il-Qorti fehmet li bir-rekwizit *ad validitatem* tal-intimazzjoni preskritta fis-subinciz (3), il-legislatur irid jittutela lid-debitur billi jizgura li huwa jigi mgharraf espressament bl-opportunita` li (i) jopponi ghall-pretensjoni kontenuta fl-ittra ufficjali fiz-zmien statutorju prefiss, biex din ma ssirx titolu ezekuttiv, kif ukoll (ii) li din l-oppozizzjoni ssir indipendentement minn jekk jikkonsultax o meno, persuna legali.

Kif del resto gie ritenut fis-sentenza ***Noel Sultana vs. Andrew Mercieca*** in materja tal-procedura taht l-Artikolu 166A, gie ritenut illi:-

*"Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss".*[3]

Ikkunsidrat;

Fuq kollox, il-Qorti tqis li l-procedura introdotta bl-istess Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta hija wahda specjali li fl-istess waqt hija wkoll ferm simplifikata: ghaldaqstant, dak mehtieg mill-legislatur ghall-otteniment ta' titolu ezekuttiv kif ukoll ghall-kontestazzjoni effettiva tat-talba li twassal ghall-istess titolu ezekuttiv, irid jigi segwit skrupolozament. Fi kliem iehor, l-ittra ufficjali kontemplata fil-procedura taht l-Artikolu 166A m'hijiex mera interpellazzjoni ghall-hlas fejn f'kull kaz il-kreditur irid jipprocedi bil-proceduri fil-kontenzjuz, izda hija intiza biex f'kaz ta' nuqqas ta' oppozizzjoni tad-debitur, jigi ottenut titolu ezekuttiv minnufih u minghajr il-htiega ta' procedimenti gudizzjarji ulterjuri. Huwa appuntu ghalhekk li huwa essenzjali li dik l-ittra jkun fiha t-taghrif kollu mehtieg biex id-debitur ikun jaf mhux biss dwar x'hiex jittratta d-dejn[4], izda wkoll dwar il-procedura li ghandu jsegwi biex ikun f'pozizzjoni li jopponi effettivament u tempestivament ghat-talba, *in toto* jew f'parti minnha biss.

Gie ritenut li l-procedura taht l-Artikolu 166A:-

"*... hija intiza biex jitnaqqsu n-numru ta' kawzi quddiem il-Qrati, biex jitnaqqsu l-ispejjez u biex tithaffef il-procedura ghall-hlas ta' djun, izda dan certament ma ghandux ikun ta' detriment u pregudizzju ghad-drittijiet ta' debitur, fosthom id-*

[3] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri, deciza 15 ta' Frar 2010.
[4] Taht is-subartikolu (2) tal-Art. 166A.

*dritt li jiddefendi ruhu kif jixraq. Huwa ghalhekk illi l-Legislatur rabat in-nullità tal-procedura u konsegwenti titolu ezekuttiv derivanti minnha, man-nuqqas ta' wiehed mir-rekwiziti rikjesti ad validitatem ta' l-ittra ufficjali...*"[5]

Ikkunsidrat;

Fuq l-iskorta tal-premess, il-Qorti tqis li ghall-finijiet tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 166A il-ligi espressament tikkommina b'nullita` kemm in-nuqqas tat-twissija preventiva dwar l-effetti tal-ittra ufficjali, kif ukoll in-nuqqas ta' gharfien dwar il-metodu ta' kontestazzjoni permezz ta' nota li tista' tigi ffirmata mid-debitur stess minghajr il-htiega tal-involviment ta' persuna legali.

Il-Qorti tosserva ulterjorment li dan lanqas ma huwa semplicement kaz ta' nuqqas ta' stipulazzjoni tal-forma preskritta mill-Avviz Legali 278/2005[6]. Wara kollox, il-forma stipolata fl-Avviz Legali ma jirrizultax li hija mehtiega espressament taht piena ta' nullita` bl-istess mod kif inhija rikjesta l-avviz imsemmi fl-Artikolu 166A(3) tal-Kap. 12[7]. Oltre dan, mis-sentenza citata mir-rikorrent waqt it-trattazzjoni orali, jirrizulta illi b'zieda mal-intimazzjoni kontenuta testwalment fl-ittra ufficjali *de quo*, l-ittra ufficjali in kontestazzjoni f'dik il-kawza kien fiha wkoll is-segwenti avviz: "*Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali*", haga li f'dan il-kaz odjern l-ittra ma fihiex. Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha tal-11 ta' Gunju 2018 iddikjarat li t-titolu ezekuttiv ottenut abbazi ta' dik l-ittra ufficjali, huwa null minhabba nuqqas ta' kliem mehtieg *ad validitatem* a tenur tal-Artikolu 166A(3). *Multo magis* fil-kaz *de quo* fejn l-intimazzjoni fiha appuntu inqas taghrif dwar il-mezzi disponibbli lid-debitur ghall-kontestazzjoni.

---

[5] ***Vincent Borg vs Shaun Risiott*** – deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Awwissu 2011, bil-gabra ta' gurisprudenza in materja citata fl-istess sentenza.
[6] S.L. 12.22.
[7] Vide fir-rigward: ***Panta Marketing Limited vs. G. Farrugia*** – Qorti tal-Appell (Inferjuri), deciza 12 ta' Dicembru 2007.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tqis li s-sanzjoni ghan-nuqqas ta' konformita` mar-rekwiziti rikjesti *ad validitatem* mis-subartikolu (3), hi n-nullita` tal-ittra ufficjali ghall-finijiet tal-Artikolu 166A u konsegwentement, in-nullita` tat-titolu ezekuttiv naxxenti mill-istess ittra ufficjali.

In vista tal-fatt li l-ittra ufficjali ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 166A(3) u qed tigi rexissa u dikjarata nulla, il-Qorti tqis li m'hemmx htiega li tittratta wkoll in-nuqqas o meno fl-istess ittra ufficjali, tal-htigijiet imsemmija fis-subinicizi (2) u (3) tal-Artikolu 166A.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-talba tar-rikorrent kif ibbazata fuq ir-raguni msemmija fis-subinciz (i) tal-Artikolu 166A(5) u tilqa' f'dan is-sens ir-risposta tas-socjeta` intimata, tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara nulla l-ittra ufficjali Numru 175/2018 datata 30 ta' April 2018, in kwantu mhux konformi mar-rekwizit imsemmi fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 166A u konsegwentement, thassar it-titolu ezekuttiv ottenut bis-sahha tal-istess ittra ufficjali.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju tbatihom is-socjeta` intimata.**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**